MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 17/2007

**Talba Nru: 17/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Josette Petroni (ID 663650M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u hames liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm205.93c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici minghand il-konvenuta in konnessjoni ma servizzi telefonici li jgibu in-numri 21633822 u 495778, skond diversi kontijiet mibghuta lill-

konvenuta, li giet interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u hames liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm205.93c) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------